## 22 ta' Ottubru, 1955

**Imħallef:**
Is-S. T. O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., Prim Imħallef u President tal-Qorti ta' l-Appell

Il-Pulizija *versus* Michel'Angelo Grech

**Offiża għall-Morali u l-Pudur Publiku — Post Publiku — Inġurja — Art. 223 u 352(q) tal-Kodiċi Kriminali**

*L-att ta' min ikun f'post publiku bil-qalziet miftuħ u bil-parti ġenitali tiegħu barra huwa tali li joffendi l-pudur u l-morali, u jikkostitwixxi r-reat ta' offiża għall-pudur jew għall-morali publika kontemplati fl-art. 223 tal-Kodiċi Kriminali, u mhux inġurja riżultanti minn sempliċi att indeċenti, kif lanqas il-kontravvenzjoni ta' min jesponi ruħu għarwien jew liebes mhux xieraq prevista fl-art. 352 (q) ta' l-istess Kodiċi.*

*Biex il-post jiġi ritenut publiku, il-liġi ma tirrikjedix li jkun publiku, iżda hu biżżejjed li jkun espost għall-publiku; u għalhekk mhux neċessarju li jkun hemm il-publiċità tal-post, imma hu biżżejjed li l-publiku seta' jara l-att diżonest.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors tal-imsemmi Michel'Angelo Grech, li talab li s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fil-15 ta' Lulju 1955 tiġi revokata, billi huwa jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat dik is-sentenza, li biha l-appellant ġie kundannat erbgħa tijiem priġunerija u £5 multa, fuq l-akkuża li l-Fur-

jana, fit-23 ta' Mejju 1955, f'xi d-9 p.m., ikkommetta att kontra l-morali u l-pudur f'post publiku;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi rriżulta mill-provi li l-appellant, fil-post, jum u ħin indikati fl-akkuża, kien qiegħed faċċata taċ-Ċinema "Comet", fil-post fejn qiegħed isir bini ġdid. Huwa kien qiegħed ħdejn il-bieb ta' barra bil-qalziet miftuħ u bil-parti ġenitali tiegħu barra. F'din il-pożizzjoni ratu x-xhud Rita Hansell, li kienet għaddejja mit-trieq ma' bintha Carmela ta' 15 il-sena. Dak l-att, kompjut mill-appellant, kien tali li joffendi l-pudur u l-morali, u ġie kompjut f'post publiku jew espost għall-publiku;

Ikkunsidrat;

Illi dak l-att tal-appellant jikkostitwixxi r-reat kontemplat fl-art. 223 tal-Kodiċi Kriminali, u mhux, kif jippretendi l-appellant, inġurja riżultanti minn atti sempliċement indeċenti, jew il-kontravvenzjoni prevista mill-art. 352(q) tal-imsemmi Kodiċi. Kwantu għall-publiċità tal-post fejn ġie kommess l-att, hemm lok li jiġi rilevat li l-liġi ma tirrikjedix li dak il-post ikun publiku, imma huwa biżżejjed li jkun "espost għall-publiku". Għalhekk mhix neċessarja l-publiċità tal-post, imma huwa suffiċjenti li l-publiku seta' jara l-att diżonest. Kif jgħid il-Pincherle (Diritto Penale, no. 596 in fine), "vi e' oltraggio pubblico al buon costume anche se l'atto fu commesso in un sito privato, ma in modo che potesse essere da altri veduto";

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.